IR-RABAT

**KUMITAT AMMINISTRATTIV TAL-BAĦRIJA**
**IT-TIENI LEĠIŻLATURA**
**MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU B 08**

* **Il-Kumitat iltaqa` nhar** Data u ħin
**L-Erbgħa 18 ta' Frar 2015 fil-5.00 pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Ir-Rabat**

** **Preżenti għal-Laqgħa:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Paul Grech | Ċerpersin |
| Is-Sra Marthese Cortis | Membru |
| Is-Sur Anġlu Portelli | Membru |
| Is-Sra Orietta Masini Cardona | Segretarju Eżekuttiv |

**Skużati:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Paul Galea | Viċi Ċerpersin |
| Is-Sur George Attard | Membru |

** **Iċ-Ċerpersin ippropona li jkun hemm bdil fl-ordni tal-aġenda billi jiġu diskussi issa *items* nru 3 u 4 tal-aġenda. Dan sabiex l-*accountant* tal-Kunsill ikun jista' jagħti l-ispjegazzjonijiet tiegħu dwar dawn il-materji. Il-Kumitat qabel.**

3.00 **Diskussjoni dwar il-finanzi**

3.01 L-*accountant* tal-Kunsill spjega l-*Management Accounts* għas-sena 2014, liema *Management Accounts* jinsabu annessi ma' dawn il-minuti. Iċ-Ċerpersin Paul Grech ippropona li dawn il-*Management Accounts* jiġu approvati. Issekondat is-Sra Marthese Cortis. Il-Kumitat qabel unanimament. Diskussjoni dwar il-finanzi



KUNSILL LOKALI IR-RABAT
8, Triq l-Isptar, ir-Rabat RBT 1043, Malta. Tel: (+356) 21455000 / 21451510 / 21454533
Fax: (+356) 21451945 e-mail: rabat.malta.lc@gov.mt www.rabatlocalcouncil.com

## 4.00 Budget 2015

4.01 L-*accountant* tal-Kunsill spjega l-*Budget* għas-sena 2015, liema *Budget* jinsab anness ma' dawn il-minuti. Huwa spjega li l-Kumitat Amministrattiv għadu ma rċeviex l-allokazzjoni għas-sena 2015 u għaldaqstant il-*budget* inħadem fuq l-allokazzjoni tas-sena 2014. Iċ-Ċerpersin Paul Grech ippropona li dan il-*Budget* jiġi approvat. Issekonda din il-proposta s-Sur Anġlu Portelli. Il-Kumitat qabel unanimament. *Budget* 2015

## 1.00 Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru B07

1.01 Il-minuti tas-seduta nru B07 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati miċ-Ċerpersin u s-Segretarju Eżekuttiv. Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti B07

## 2.00 Punti li joħorġu mill-Minuti B07

Punti li joħorġu mill-Minuti B07

2.01 2.02 Iċ-Ċerpersin informa l-laqgħa li x-xogħol fuq dan il-ħajt sar minn sid l-għalqa. Ħajt fl-Imtaħleb

2.02 3.02 Iċ-Ċerpersin informa l-laqgħa li l-*handyman* tal-Kunsill għandu jwaħħal din it-tabella fil-post it-tajjeb. Tabella tal-*Cul-de-Sac* ġewwa l-Kunċizzjoni

2.03 3.04 Iċ-Ċerpersin informa l-laqgħa li x-xogħol ta' *patching* sar. Tliet ħofor fin-niżla tal-Fiddien

2.04 5.01 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li skont is-*site plan* li rċevejna mill-koordinatriċi ta' dan il-proġett, is-sit magħżul ma jaqax taħt il-konfini tal-Kumitat Amministrattiv tal-Baħrija. Għaldaqstant, dan il-proġett mhux ser isir fil-konfini tagħna. 'Windrose Project'

## 5.00 Komunikazzjoni mill-membri

5.01 Is-Sur Anġlu Portelli ppropona li ssir applikazzjoni għal bozza ġdida f'Tas-Sirena. Issekonda din il-proposta ċ-Ċerpersin Paul Grech. Il-Kumitat qabel unanimament. Applikazzjoni għal bozza ġdida f'Tas-Sirena

5.02 Is-Sur Anġlu Portelli ppropona li issir *patching* f'Ras ir-Raheb. Issekonda din il-proposta ċ-Ċerpersin Paul Grech. Il-Kumitat qabel unanimament. Xogħol ta' *patching* ġewwa Ras ir-Raheb

5.03 Iċ-Ċerpersin ippropona li jiġu ordnati erba' jardi konkos sabiex jintużaw biex isir xogħol ta' *patching* ħdejn ta' Frajna ġewwa l-Imtaħleb. Issekondat din il-proposta s-Sra Marthese Cortis. Il-Kumitat qabel unanimament. Xogħol ta' *patching* ħdejn ta' Frajna, l-Imtaħleb

**6.00 Korrispondenza**

6.01 Ma kien hemm l-ebda korrispondenza x'tiġi diskussa. Korrispondenza

**7.00 Materiji Oħra**

7.01 Ma kien hemm l-ebda materja oħra x'tiġi diskussa. Materji Oħra

**8.00 Data tas-seduta li jmiss**

8.01 Il-Kumitat qabel li l-laqgħa li jmiss għandha ssir nhar l-Erbgħa 25 ta' Marzu 2015 fil-5.00 ta' filgħaxija. Data tas-seduta li jmiss

8.02 Il-laqgħa ntemmet fis-5.50 ta' filgħaxija.

Minuti approvati llum l-Erbgħa 25 ta' Marzu 2015

**Paul Grech**
**Ċerpersin**

**Orietta Masini Cardona**
**Segretarju Eżekuttiv**